MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 1926/2005

**DHL International Limited C 6576**

**Vs**

**Euro Chemie Products Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2005 li permezz tieghu l-attur stqar illi kienet ipprestat servizzi ta' garr internazzjonali fuq struzzjonijiet tal-konvenut liema servizz nghata u baqa' ammont dovut ta' seba mija hamsa u tmenin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm785.68) li ghadu ma thallasx, anke jekk il-konvenut kien interpellat biex ihallas u baqa inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lill dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta' seba` mija hamsa u tmenin Lira Maltin u

tmienja u sittin centezmu (Lm785.68) bl-ispejjes kontra l-konvenut u bl-imghax.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta illi permezz taghha gie ecceppit illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-azzjoni kwantu diretta lejn il-konvenut nomine hija llum preskritta billi l-invoices relattivi jirreferu ghall-allegati talbiet ta' hlas ghas-snin 1998, 2000, 2001, u 2002 u dan a tenur tal-Artikoli 2147 u 2148 tal-Kodici Civili.

Ra d-decizjoni parzjali ta' dan l-istess Tribunal tat-31 ta' Jannar 2007 dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni;

Sema` x-xhieda u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2007, Dr Martin Fenech ghas-socjeta` attrici iddikjara illi fil-mertu s-socjeta` attrici kienet qed tistrieh fuq ix-xhieda gja prodotti, u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tas-socjeta` konvenuta.

Ra illi fis-seduta sussegwenti la deher rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u lanqas r-rapprezentant legali taghha u in vista ta' dak li kien verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2007, l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-unika eccezzjoniji mressqa mis-socjeta` konvenuta kienet dik dwar il-preskrizzjoni, li t-Tribunal gja cahadha fid-decizjoni parzjali moghtija kif hawn aktar il-fuq jinghad.

Illi s-socjeta` konvenuta la ressqet eccezzjonijiet ulterjuri u lanqas provi fil-mertu sabiex tigi ribattuta t-talba attrici, u ghaldaqstant it-Tribunal ma jsib ebda raguni ghaliex ma ghandux jakkolja t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' seba` mija u hamsa u tmenin Liri Maltin

u tmienja u sittin centezmu (Lm785.68), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------